IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 25.4.2025
COM(2025) 166 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U LILL-PARLAMENT EWROPEW

Rapport Annwali dwar ir-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)

I. INTRODUZZJONI

(1) Dan ir-rapport huwa indirizzat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea. Huwa jistabbilixxi l-attivitajiet imwettqa mill-Kummissjoni Ewropea (hawn taħt "il-Kummissjoni") b'rabta mar-Regolament (UE) 2022/1925[1] (l-Att dwar is-Swieq Diġitali, hawn taħt "DMA"(Digital Markets Act)) fl-2024, kif stabbilit fl-Artikolu 35 tad-DMA[2].

(2) L-ewwel rapport annwali dwar l-attivitajiet tal-Kummissjoni b'rabta mad-DMA ġie adottat fis-6 ta' Marzu 2024[3]. Fl-ewwel rapport annwali tagħha, il-Kummissjoni rrapportat primarjament dwar id-deċiżjonijiet li jiddeżinjaw lil Alphabet, Amazon, Apple, ByteDance, Meta, u Microsoft bħala gwardjani f'Settembru 2023.

(3) Fl-2024, il-Kummissjoni ddeżinjat lil Booking għas-servizz tal-intermedjazzjoni online Booking.com tagħha f'Mejju, u kkomplementat id-deżinjazzjoni ta' Apple b'servizz ewlieni ieħor tal-pjattaforma, is-sistema operattiva tagħha iPadOS, f'April.

(4) Il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll erba' investigazzjonijiet tas-suq, li wħud minnhom kienet bdiethom fl-2023. L-investigazzjonijiet mibdija fl-2023 huma relatati ma' konfutazzjonijiet sottomessi mill-impriżi flimkien man-notifiki tagħhom li jiddikjaraw li, minkejja li jissodisfaw il-limiti tad-deżinjazzjoni, huma ma jissodisfawx ir-rekwiżiti biex jiġu ddeżinjati bħala gwardjani. Dawn l-investigazzjonijiet, kif ukoll id-deżinjazzjoni kwalitattiva ta' iPadOS, kienu jinvolvu li jintalab il-parir espert tal-Kumitat Konsultattiv għas-Swieq Diġitali ("DMAC")[4].

(5) Fl-2024, id-DMA daħal fil-fażi ta' implimentazzjoni u infurzar tiegħu, u s-7 ta' Marzu 2024 kienet l-iskadenza għall-konformità għad-deżinjazzjonijiet li jmorru lura għall-5 ta' Settembru 2023. Il-Kummissjoni wettqet djalogu regolatorju mal-gwardjani ddeżinjati kollha u bdiet sitt investigazzjonijiet ta' nuqqas ta' konformità rigward tliet gwardjani: Alphabet, Apple, u Meta. Fi tnejn mill-proċedimenti, il-Kummissjoni ħarġet sejbiet preliminari[5]. Barra minn hekk, il-Kummissjoni ħabbret passi investigattivi preliminari fir-rigward ta' Amazon[6].

(6) Il-Kummissjoni bdiet ukoll żewġ proċedimenti biex tispeċifika l-obbligi tal-interoperabbiltà ta' Apple skont id-DMA u ħarġet sejbiet preliminari, u talbet feedback minn partijiet terzi dwar il-miżuri li jenħtieġ li tieħu Apple biex tiżgura interoperabbiltà effettiva[7].

(7) B'mod parallel mal-attività ta' monitoraġġ u infurzar tagħha, il-Kummissjoni ospitat bosta laqgħat ma' gwardjani u firxa wiesgħa ta' partijiet terzi interessati, inklużi utenti

[1] ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1-66.
[2] L-Artikolu 35 tad-DMA jirrikjedi li l-Kummissjoni tissottometti rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tad-DMA u l-progress li sar lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu. Dan huwa t-tieni rapport ta' dan it-tip, li jkopri t-tieni sena ta' applikazzjoni tad-DMA.
[3] Rapport lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew: Rapport Annwali dwar l-Att dwar is-Swieq Diġitali (2022/1925), COM(2024) 106 final.
4 Id-DMAC jappoġġa lill-Kummissjoni fl-adozzjoni ta' atti ta' implimentazzjoni skont id-DMA. Huwa kklassifikat bħala kumitat skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 u jiffunzjona f'konformità mar-Regoli ta' Proċedura tiegħu. Id-DMAC kien involut fl-erba' investigazzjonijiet tas-suq kollha u tlaqqa' fl-1 ta' Frar, fl-20 ta' Marzu u fl-4 ta' Ottubru 2024.
[5] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-sends-preliminary-findings-meta-over-its-pay-or-consent-model-breach-digital-markets-act-2024-07-01_en u https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-sends-preliminary-findings-apple-and-opens-additional-non-compliance-investigation-2024-06-24_en.
[6] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-opens-non-compliance-investigations-against-alphabet-apple-and-meta-under-digital-markets-2024-03-25_en
[7] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-starts-first-proceedings-specify-apples-interoperability-obligations-under-digital-2024-09-19_en u https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-seeks-feedback-measures-apple-should-take-ensure-interoperability-under-digital-markets-2024-12-19_en.

kummerċjali, żviluppaturi, dawk li jisfidaw lill-gwardjani, assoċjazzjonijiet kummerċjali, organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, u rappreżentanti tal-klijenti. Il-Kummissjoni organizzat ukoll diversi sessjonijiet ta' ħidma dwar il-konformità, li jipprovdu lill-partijiet ikkonċernati bl-opportunità li jiksbu għarfien dwar is-soluzzjonijiet ta' konformità tal-gwardjani. Barra minn hekk, il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali (High Level Group, HLG) iddeċieda li joħloq tliet sottogruppi tematiċi dwar id-data, l-interoperabbiltà u l-intelliġenza artifiċjali, u kellu diversi laqgħat matul l-2024. Dan iffaċilita l-kooperazzjoni u rawwem djalogu kollaborattiv mal-komunità tar-regolaturi Ewropej[8].

(8) It-taqsimiet li ġejjin jipprovdu ħarsa ġenerali komprensiva lejn l-implimentazzjoni mill-Kummissjoni tad-DMA u l-progress li sar lejn il-kisba tal-objettivi tiegħu fl-2024. It-Taqsima II tirrapporta dwar dażinjazzjonijiet u attivitajiet oħra li mhumiex ta' monitoraġġ. It-Taqsima III tiddeskrivi l-monitoraġġ tal-konformità tal-gwardjani. It-Taqsima IV tindirizza r-rekwiżiti ta' rapportar għall-gwardjani rigward il-prattiki tat-tfassil tal-profili tal-konsumaturi. It-Taqsima V tagħti dettalji dwar il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn il-Kummissjoni u l-awtoritajiet nazzjonali. Fl-aħħar nett, it-Taqsima VI tiddeskrivi l-ħidma mwettqa mill-HLG.

II. DEŻINJAZZJONIJIET U ATTIVITAJIET OĦRA LI MHUMIEX TA' MONITORAĠĠ

1. Notifiki, deżinjazzjonijiet, u investigazzjonijiet tas-suq

(9) Skont l-Artikolu 3(3) tad-DMA, l-impriżi jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni meta s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma li jipprovdu jilħqu l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA. Madankollu, skont l-Artikolu 3(5) tad-DMA, l-impriżi li jilħqu dawn il-limiti jistgħu jippreżentaw argumenti sostanzjati biżżejjed dwar għaliex jenħtieġ li ma jiġux iddeżinjati bħala gwardjani.

(10) Fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet notifiki mingħand Booking, ByteDance, u X skont l-Artikolu 3(3) tad-DMA[9].

(11) Fl-1 ta' Marzu 2024, Booking innotifikat lill-Kummissjoni li hija kienet tilħaq il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA fir-rigward tas-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha, Booking.com. B'riżultat ta' dan, fit-13 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni ddeżinjat lil Booking bħala gwardjan fir-rigward ta' dan is-servizz ta' pjattaforma ewlenija[10]. L-obbligu ta' Booking li tikkonforma mad-DMA beda fl-14 ta' Novembru 2024, sitt xhur wara d-deżinjazzjoni tagħha[11].

(12) Fl-1 ta' Marzu 2024, ByteDance nnotifikat lill-Kummissjoni li hija ssodisfat il-limiti stabbiliti fl-Artikolu 3(2) tad-DMA fir-rigward tas-servizz ta' reklamar online tagħha, TikTok Ads. ByteDance ressqet ukoll talba għal konfutazzjoni, skont l-Artikolu 3(5) tad-DMA, fejn sostniet li TikTok Ads ma kinitx tikkwalifika bħala gateway importanti bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali. Fit-13 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni

[8] Il-grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali huwa magħmul mill-korpi u n-networks ta' regolaturi li ġejjin: Il-Korp ta' Regolaturi Ewropej tal-Komunikazzjonijiet Elettroniċi (Body of European Regulators for Electronic Communications, BEREC), il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data u l-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data (European Data Protection Supervisor/European Data Protection Board, EDPS/EDPB), in-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni (European Competition Network, ECN), in-Network ta' Kooperazzjoni għall-Protezzjoni tal-Konsumatur (Consumer Protection Cooperation, CPC), u l-Grupp Regolatorju Ewropew tar-Regolaturi tal-Media Awdjoviżiva (European Regulatory Group of Audiovisual Media Regulators, ERGA).

[9] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/latest-news_en

[10] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, Każ DMA.100019 – Booking – Servizzi ta' Intermedjazzjoni Online — Verticals: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4360/OJ.

[11] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/booking-must-comply-all-relevant-obligations-under-digital-markets-act-2024-11-14_en

aċċettat il-konfutazzjoni mressqa minn TikTok fir-rigward tas-servizz ta' reklamar online tagħha, TikTok Ads. Il-konfutazzjoni ġiet aċċettata direttament fi żmien 45 jum tax-xogħol, peress li l-impriża wriet li s-servizz tagħha ma jissodisfax ir-rekwiżiti tal-Artikolu 3(1) tad-DMA[12].

(13) Fl-1 ta' Marzu 2024, X issottomettiet notifika fir-rigward tas-servizz ta' networking soċjali online tagħha, X, u s-servizz ta' reklamar online tagħha, X Ads, it-tnejn akkumpanjati minn konfutazzjonijiet fejn argumentat li anki jekk il-limiti rilevanti ntlaħqu, X ma kinitx tikkwalifika bħala gateway importanti bejn l-utenti kummerċjali u l-utenti finali[13]. Fit-13 ta' Mejju 2024, il-Kummissjoni adottat deċiżjoni li taċċetta direttament il-konfutazzjoni fir-rigward ta' X Ads[14], u f'deċiżjoni separata fetħet investigazzjoni tas-suq skont l-Artikolu 17(3) tad-DMA biex tivvaluta jekk is-servizz ta' networking soċjali online X għandux jiġi ddeżinjat[15]. Wara investigazzjoni fil-fond tas-suq[16], fis-16 ta' Ottubru 2024 il-Kummissjoni kkonkludiet li s-servizz ta' networking soċjali online X ma kienx gateway importanti għall-utenti kummerċjali biex jilħqu lill-utenti finali. Il-Kummissjoni għalhekk iddeċidiet li taċċetta l-konfutazzjoni u ma tiddeżinjax lil X[17]. Id-deċiżjoni ġiet adottata wara laqgħa tad-DMAC, li tat opinjoni pożittiva, fl-4 ta' Ottubru 2024.

(14) Fl-2024, il-Kummissjoni lestiet ukoll l-investigazzjonijiet tas-suq ta' konfutazzjoni li kienet bdiet fil-5 ta' Settembru 2023 biex tiddetermina jekk Apple għandhiex tiġi ddeżinjata bħala gwardjan għal iMessage, u jekk Microsoft għandhiex tiġi ddeżinjata fir-rigward ta' Bing, Edge, u Microsoft Advertising. Wara li wettqet investigazzjonijiet fil-fond tas-suq, il-Kummissjoni ddeċidiet li ma tiddeżinjax lil Apple[18] u lil Microsoft[19] bħala gwardjani għal dawn is-servizzi. Id-deċiżjonijiet ġew adottati wara laqgħa tad-DMAC, li tat opinjoni pożittiva dwar id-deċiżjonijiet, fl-1 ta' Frar 2024.

(15) Barra minn hekk, abbażi ta' investigazzjoni tas-suq fil-fond mibdija f'Settembru 2023, il-Kummissjoni ddeżinjat lil Apple bħala gwardjan fir-rigward tas-servizz ewlieni tal-pjattaforma tagħha iPadOS, fid-29 ta' April 2024[20]. Id-Deċiżjoni ġiet adottata wara laqgħa tad-DMAC, li tat opinjoni pożittiva dwar id-deċiżjoni, fl-20 ta' Marzu 2024. L-obbligu ta' Apple li tikkonforma mad-DMA beda sitt xhur wara d-deżinjazzjoni, fl-4 ta' Novembru 2024.

(16) Bid-deżinjazzjoni ta' Booking bħala gwardjan għas-servizz ta' intermedjazzjoni online tagħha (Booking.com) u ta' Apple għas-sistema operatorja tagħha (iPadOS), l-għadd totali ta' gwardjani ddeżinjati żdied, fl-2024, minn 6 għal 7 impriżi, filwaqt li l-

[12] Il-Każ DMA.100042 ByteDance – Servizzi ta' reklamar online: https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202441/DMA_100042_134.pdf.
[13] It-taqsima li jmiss tar-Rapport Annwali tad-DMA teżamina kif il-Kummissjoni wieġbet għas-sottomissjoni ta' konfutazzjoni. Għal aktar tagħrif, jekk jogħġbok ara: *Investigazzjonijiet u konfutazzjonijiet tas-suq*.
[14] Il-Każ DMA.100232 X – Servizzi ta' reklamar online: https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202441/DMA_100232_44.pdf.
[15] Il-Każ DMA.100041 - X - Servizz ta' networking soċjali online: https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202441/DMA_100041_631.pdf.
[16] Inkluż il-kontribut mill-utenti kummerċjali ta' X u fornituri oħra ta' servizzi ta' networking soċjali online.
[17] Din id-deċiżjoni għadha ma ġietx ippubblikata.
[18] Il-Każ DMA.100022 – Apple - servizzi ta' komunikazzjonijiet interpersonali indipendenti min-numri: https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202416/DMA_100022_2757.pdf.
[19] Il-Każijiet DMA.100015 Magni tat-tiftix online tal-Microsoft; DMA.100028 Brawżers tal-Web ta' Microsoft; DMA.100034 Servizzi ta' Reklamar Online ta' Microsoft: https://ec.europa.eu/competition/digital_markets_act/cases/202416/DMA_100015_700.pdf.
[20] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni, Każ DMA.100047 - Apple - iPadOS: https://eur-lex.europa.eu/eli/C/2024/4374/oj.

għadd ta' servizzi ta' pjattaformi ewlenin iddeżinjati laħaq l-24, mit-22 preċedenti[21].

(17) Fl-2024, il-Kummissjoni kienet parti fi tliet azzjonijiet pendenti għal annullament ippreżentati minn ByteDance, Meta, u Apple f'Novembru 2023 kontra d-deċiżjonijiet ta' deżinjazzjoni rispettivi tagħhom. Fir-rigward tal-appell ta' ByteDance, fi Frar 2024, il-President tal-Qorti Ġenerali ċaħad it-talba għal miżuri provviżorji ta' ByteDance u, f'Lulju 2024, il-Qorti Ġenerali kkonfermat id-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiddeżinja lil ByteDance wara proċedura mħaffa[22]. F'Settembru 2024, ByteDance appellat mid-deċiżjoni tal-Qorti Ġenerali li tikkonferma d-deżinjazzjoni tagħha[23].

(18) Barra minn hekk, il-Kummissjoni hija attiva bħala konvenuta f'żewġ proċedimenti ġudizzjarji oħra li għaddejjin: (i) rikors ippreżentat mill-avukat ta' ByteDance f'ismu stess f'Awwissu 2024, li jikkontesta d-deċiżjoni tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba għal aċċess għal dokumenti relatati mad-deżinjazzjoni ta' ByteDance[24] u (ii) rikors ippreżentat quddiem il-Qorti Ġenerali f'Lulju 2024 minn Opera kontra n-nuqqas ta' deżinjazzjoni ta' Microsoft bħala gwardjan fir-rigward tal-browser tal-web tagħha, Edge[25].

2. Attivitajiet oħra ta' nuqqas ta' monitoraġġ

(19) Il-Kummissjoni għamlet enfasi sinifikanti fuq it-tisħiħ tal-għodod investigattivi tagħha taħt id-DMA mill-adozzjoni tiegħu. Fit-30 ta' April 2024, il-Kummissjoni nediet għodda għall-informaturi tad-DMA[26], li hija simili għal dik disponibbli għall-infurzar tal-antitrust u għar-Regolament (UE) 2022/2065 ("l-Att dwar is-Servizzi Diġitali"). Din l-għodda tagħmilha possibbli għall-individwi li jipprovdu, privatament u b'mod kunfidenzjali, informazzjoni relatata ma' kwalunkwe nuqqas ta' konformità possibbli mill-gwardjani mal-obbligi tagħhom skont id-DMA[27]. Fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 20 sottomissjoni permezz ta' din l-għodda.

(20) F'termini ta' involviment pubbliku, il-Kummissjoni żżomm u taġġorna regolarment is-sit web tad-DMA[28]. Dan is-sit web jipprovdi sfond dwar id-DMA, joffri funzjoni ta' tiftix għal atti uffiċjali relatati mad-DMA tal-Kummissjoni, jinkludi taqsima Q&A li tiġi aġġornata ta' spiss[29], u fih l-istqarrijiet għall-istampa rilevanti kollha. Il-Kummissjoni tikkomunika wkoll dwar l-iżviluppi rilevanti għad-DMA permezz tal-kontijiet tal-media soċjali tagħha[30].

(21) Fl-2024, il-Kummissjoni kkuntrattat disa' studji relatati mad-DMA, servizzi ta'

---

[21] Għal immappjar skematiku tal-gwardjani u s-servizzi ewlenin tal-pjattaforma rilevanti, jekk jogħġbok ara dan il-link għas-sit web tad-DMA: https://digital-markets-act.ec.europa.eu/gatekeepers_en.

[22] Il-Kawża T-1077/23 R Bytedance vs il-Kummissjoni, ĠU C, C/2024/476, 3.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/2317/oj u l-Kawża T-1077/23, Bytedance vs Il-Kummissjoni, ĠU C, C/2024/476, 3.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/476/oj.

[23] Il-Kawża C-627/24 P, Bytedance vs il-Kummissjoni, ĠU C, C/2024/6639, 11.11.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6639/oj.

[24] Il-Kawża T-433/24, Batchelor vs Il-Kummissjoni, ĠU C, C/2024/6103, 21.10.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/6103/oj.

[25] Il-Kawża T-357/24, Opera Norway vs Il-Kummissjoni ĠU C, C/2024/5640, 30.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/5640/oj.

[26] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/whistleblower-tool_en

[27] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/commission-launches-whistleblower-tools-digital-services-act-and-digital-markets-act-2024-04-30_en

[28] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/index_en

[29] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/about-dma/questions-and-answers_en

[30] L-aħbarijiet u r-rapporti tal-Kummissjoni dwar id-DMA jistgħu jiġu segwiti permezz ta' diversi kontijiet: https://www.instagram.com/DigitalEU/; https://www.linkedin.com/showcase/digital-eu/; https://twitter.com/DigitalEU; https://www.youtube.com/c/DigitalEU; https://www.facebook.com/DigitalEU; https://www.linkedin.com/showcase/dg-competition; https://twitter.com/EU_Competition; https://www.youtube.com/@dgcompetition44.

konsulenza esperta, jew proġetti pilota.

III. MONITORAĠĠ TAL-KONFORMITÀ TAL-GWARDJANI

1. Attivitajiet ta' monitoraġġ

(22) Il-gwardjani jridu jikkonformaw mal-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 5, 6, 7, 14, u 15 tad-DMA. Ir-rekwiżit ta' konformità jibda immedjatament wara d-dežinjazzjoni għall-obbligu li l-Kummissjoni tiġi infurmata dwar il-konċentrazzjonijiet (l-Artikolu 14 tad-DMA), u mhux aktar tard minn sitt xhur wara d-dežinjazzjoni għall-obbligi u l-projbizzjonijiet previsti fl-Artikoli 5, 6, 7 (skont l-Artikolu 3(10) tad-DMA), u fl-Artikolu 15 tad-DMA. Għall-impriżi ddežinjati fil-5 ta' Settembru 2023, dan il-perjodu ta' sitt xhur intemm fis-7 ta' Marzu 2024. Meta titqies id-dežinjazzjoni sussegwenti ta' iPadOS fid-29 ta' April 2024, Apple kellha tikkonforma wkoll mad-DMA għal dan is-servizz ewlieni tal-pjattaforma sal-4 ta' Novembru 2024, filwaqt li Booking, iddežinjata fit-13 ta' Mejju 2024, kellha tikkonforma sal-14 ta' Novembru 2024 għal Booking.com.

(23) Sitt xhur wara d-dežinjazzjoni, il-gwardjani kollha ppreżentaw rapporti ta' konformità, kif meħtieġ mill-Artikolu 11 tad-DMA, kif ukoll deskrizzjonijiet awditjati b'mod indipendenti ta' kwalunkwe teknika għat-tfassil tal-profili għall-konsumaturi applikati għas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma tagħhom jew bejniethom, f'konformità mal-Artikolu 15 tad-DMA. Il-links għall-verżjonijiet mhux kunfidenzjali ta' dawn id-dokumenti ġew ippubblikati fuq is-sit web tad-DMA tal-Kummissjoni[31]. L-iterazzjoni li jmiss tar-rapporti ta' konformità tal-gwardjan kienet mistennija sas-7 ta' Marzu 2025[32]. Dawn ir-rapporti għandhom jinkludu l-aġġornamenti tal-gwardjani għall-miżuri ta' konformità tagħhom.

(24) Il-Kummissjoni vvalutat ir-rapporti ta' konformità kollha li rċeviet fl-2024 u għamlet ħidma ta' segwitu mal-gwardjani dwar il-kontenut tagħhom. F'Marzu 2024, il-Kummissjoni organizzat sitt sessjonijiet ta' ħidma dwar il-konformità mal-partijiet ikkonċernati interessati, wieħed għal kull gwardjan iddežinjat fil-5 ta' Settembru 2023. F'Novembru 2024 ġie organizzat workshop ieħor għal Booking, wara d-dežinjazzjoni tagħha f'Mejju 2024. Il-workshops kellhom l-għan li joffru lill-partijiet terzi l-opportunità li jfittxu kjarifiki mingħand il-gwardjani u jipprovdulhom feedback dwar is-soluzzjonijiet ta' konformità tagħhom. L-attendenza fil-workshops kollha kienet miftuħa għall-pubbliku, u l-utenti kummerċjali, is-soċjetà ċivili, u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju kellhom prijorità għall-attendenza fiżika. Il-workshops saru wkoll aċċessibbli online. Ir-reġistrazzjonijiet tal-workshops kollha li saru fl-2024 huma disponibbli fuq is-sit web tad-DMA tal-Kummissjoni[33].

(25) Minbarra s-sessjonijiet ta' ħidma dwar il-konformità u l-ħidma fuq ir-rapporti ta' konformità[34], il-Kummissjoni ħadmet b'mod kostanti mal-gwardjani u ma' partijiet terzi interessati permezz ta' diversi mezzi biex timmonitorja u tivvaluta l-konformità. Dan kien jinkludi laqgħat bilaterali u workshops tekniċi li jlaqqgħu flimkien rappreżentanti tal-gwardjani u ta' partijiet terzi interessati. Barra minn hekk, il-Kummissjoni bagħtet talbiet għal informazzjoni lill-gwardjani u lil partijiet terzi. Hija ħeġġet ukoll b'mod konsistenti lill-gwardjani biex jaħdmu direttament mal-atturi tas-suq billi enfasizzat li din il-ħidma hija parti importanti mit-turija ta' konformità effettiva għall-gwardjani.

[31] https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/reports/compliance-reports u https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/reports/consumer-profiling-reports.
[32] Dan ma jkunx jinkludi lil Booking, li għaliha dan ikun mistenni fl-14 ta' Novembru 2024.
[33] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/events/workshops_en
[34] https://digital-markets-act-cases.ec.europa.eu/reports/compliance-reports

(26) Il-Kummissjoni mmonitorjat kif il-gwardjani implimentaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 28 tad-DMA biex jintroduċu funzjoni ta' konformità li trid tkun indipendenti mill-funzjonijiet operazzjonali tal-gwardjan u tkun tikkonsisti minn uffiċjal tal-konformità wieħed jew aktar b'awtorità, statura u riżorsi suffiċjenti biex ikunu jistgħu jimmonitorjaw il-konformità tal-gwardjan mad-DMA u jagħtuh pariri dwar dan. Il-gwardjani ddeżinjati kollha ħatru uffiċjali tal-konformità f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fl-Artikolu 28 tad-DMA u kkomunikaw id-dettalji lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni kellha żewġ laqgħat bi preżenza fiżika mal-uffiċjali tal-konformità ta' kull gwardjan fl-2024. L-għan ta' dawn il-laqgħat kien li l-Kummissjoni tifhem kif ġiet stabbilita u organizzata l-funzjoni ta' konformità u tieħu kont tad-djalogu regolatorju li għaddej. Fl-aħħar nett, b'appoġġ għal azzjonijiet ta' infurzar potenzjali, fl-2024, il-Kummissjoni adottat ordnijiet ta' żamma li jitolbu lil sitt gwardjani – Alphabet, Amazon, Apple, Meta, Microsoft, u Booking – iżommu dokumenti li jistgħu jintużaw biex tiġi vvalutata l-konformità tagħhom ma' obbligi speċifiċi tad-DMA[35].

2. Sejbiet dwar il-konformità mal-Artikoli 5, 6 u 7 tad-DMA[36]

(27) Din it-taqsima tirrapporta dwar is-sejbiet tal-Kummissjoni dwar it-temi koperti fl-Artikoli 5, 6 u 7 tad-DMA u l-azzjonijiet li ħadet. L-eżempji ta' hawn taħt mhumiex eżawrjenti iżda jiddeskrivu l-każijiet ewlenin tal-azzjonijiet tal-Kummissjoni f'termini ta' konformità mad-DMA.

a) L-għoti ta' kontroll lill-utenti fuq id-data tagħhom

(28) Id-DMA jirrikonoxxi l-importanza tad-data fis-swieq diġitali, filwaqt li jenfasizza li l-akkumulazzjoni tad-data mal-gwardjani, u l-aċċess ristrett għad-data mill-kompetituri tagħhom, jistgħu jwasslu għal inqas kontestabbiltà, inqas għażla għall-utenti finali fuq id-data tagħhom stess, u inqas innovazzjoni. Fir-rigward tal-kontestabbiltà b'mod partikolari, id-DMA jispjega li l-akkumulazzjoni tad-data mill-gwardjani permezz tas-servizzi tal-pjattaforma tagħhom tista' twassal għal ostakli għad-dħul fis-swieq fejn ikunu preżenti dawn il-gwardjani. Fi kliem ieħor, l-akkumulazzjoni tad-data tista' tagħmilha aktar diffiċli għal atturi ġodda biex joffru s-servizzi tagħhom f'dawk is-swieq.

(29) B'mod simili, il-kontestabbiltà tista' tiġi mminata wkoll minn gwardjan li jirrestrinġi l-qlib jew il-multi-homing, pereżempju billi l-utenti finali ma jitħallewx jittrasferixxu d-data tagħhom. Tali restrizzjonijiet jistgħu, pereżempju, jagħmluha diffiċli għall-utenti finali biex jaqilbu minn network tal-media soċjali stabbilit għal wieħed emerġenti, minħabba l-biża' li l-kuntatti jew il-kontenut proprju jintilfu fil-proċess. Id-DMA ifittex li jindirizza dawn il-kwistjonijiet billi jipprovdi lill-utenti finali b'aktar għażla dwar kif tintuża d-data tagħhom u kif jixtiequ jużawha, filwaqt li jiżgura wkoll li l-utenti kummerċjali jkollhom aċċess aħjar għad-data li jiġġeneraw permezz tal-użu tagħhom tas-servizzi ewlenin tal-pjattaforma.

(30) Skont l-Artikolu 5(2) tad-DMA, il-gwardjani jridu jimplimentaw miżuri li jippermettu lill-utenti finali jagħżlu jekk jagħtux il-kunsens tagħhom biex id-data tagħhom tiġi kkombinata u/jew użata b'mod inkroċjat fis-servizzi tal-gwardjani. Fil-25 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni ddeċidiet li tiftaħ investigazzjoni ta' nuqqas ta' konformità kontra Meta b'rabta ma' dan l-obbligu.[37] L-investigazzjoni tivvaluta jekk il-mudell kummerċjali bbażat fuq ir-reklamar ta' Meta "ħallas jew ikkonsenti" huwiex konformi

[35] https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_24_1689

[36] Xejn f'dan ir-rapport ma japprova l-miżuri ta' konformità meħuda mill-gwardjani bħala lment sħiħ jew parzjali mad-DMA.

[37] Il-Kummissjoni kkooperat mal-Kummissjoni Irlandiża għall-Protezzjoni tad-Data, li qed tinvestiga wkoll il-mudell ta' "Ikkonsenti jew Ħallas" ta' Meta skont il-GDPR, biex tiżgura koerenza sħiħa fl-applikazzjoni tad-dritt tal-UE.

mal-obbligu tagħha li tikseb il-kunsens mill-utenti kull meta Meta jkollha l-ħsieb li tikkombina jew tuża b'mod inkroċjat data personali tal-utent finali fis-servizzi differenti tagħha. Fis-sejbiet preliminari tagħha maħruġa fl-1 ta' Lulju 2024, il-Kummissjoni ddeskriviet it-tħassib tagħha li l-għażla binarja imposta mill-mudell ta' "ħallas jew ikkonsenti" ta' Meta tista' ma tipprovdix alternattiva reali għall-utenti li ma jkunux iridu jagħtu l-kunsens tagħhom għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom. F'Awwissu 2024, il-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPB") adotta Opinjoni skont l-Artikolu 64(2) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data ("GDPR") dwar l-użu ta' mudelli ta' "ħallas jew ikkonsenti" minn pjattaformi online kbar. Fit-13 ta' Novembru 2024, Meta aġġornat il-mudell tagħha ta' "ħallas jew ikkonsenti" billi pprovdiet dak li hija rreferiet għalih bħala "alternattiva inqas personalizzata". Minbarra l-investigazzjoni tagħha dwar il-konformità ta' Meta fil-perjodu qabel it-13 ta' Novembru 2024, il-Kummissjoni bħalissa qed tivvaluta wkoll is-soluzzjoni ta' konformità riveduta ta' Meta. Fir-rigward tal-portabbiltà tad-data u l-aċċess għaliha, fl-2024, il-gwardjani bdew itejbu s-soluzzjonijiet tagħhom għall-portabbiltà tad-data biex iqarrbu lejn l-iffaċilitar tal-portabbiltà u l-aċċess kontinwi tad-data f'ħin reali sabiex l-utenti finali jkunu jistgħu jġorru faċilment id-data tagħhom filwaqt li l-utenti kummerċjali jkunu jistgħu jaċċessaw faċilment id-data tagħhom. Il-gwardjani ddeżinjati kollha implimentaw soluzzjonijiet matul l-2024. Dan jinkludi soluzzjonijiet ta' trasferiment ta' data li jippermettu lill-utenti finali, bħal dawk ta' Google Search jew Facebook jew TikTok, jagħtu lil partijiet terzi awtorizzati aċċess għad-data storika u futura tagħhom, li dawk il-partijiet terzi jistgħu jużaw biex joffru servizzi kompetituri jew innovattivi. Barra minn hekk, is-soluzzjonijiet għat-trasferiment tad-data diġà implimentati u mtejba b'mod sinifikanti jippermettu lill-utenti kummerċjali tad-diversi servizzi deżinjati (eż. Amazon Marketplace, Booking.com, jew YouTube) jaċċessaw id-data li jiġġeneraw fuq dawn is-servizzi.

(31) Il-Kummissjoni ilha timmonitorja mill-qrib il-funzjonament ta' dawn l-għodod il-ġodda, f'konsultazzjoni mal-gwardjani u ma' firxa wiesgħa ta' partijiet terzi interessati. Il-Kummissjoni daħlet fi djalogu regolatorju intensiv mal-gwardjani kollha biex tħeġġiġhom itejbu, fejn rilevanti, is-soluzzjonijiet ta' konformità tagħhom abbażi ta' feedback minn partijiet terzi. Ir-rapporti ta' konformità li jmiss tal-gwardjani, li kienu mistennija f'Marzu 2025, għandhom jirriflettu parti minn dan it-titjib kif ukoll il-ħidma li għaddejja. Il-Kummissjoni se tkompli tiġbor feedback tas-suq dwar jekk is-soluzzjonijiet implimentati humiex effettivi biex jintlaħqu l-objettivi tad-DMA.

b) **Ftuħ ta' ekosistemi mobbli**

(32) L-objettivi tal-kontestabbiltà u l-ġustizzja fl-ekosistemi tal-gwardjani jinvolvu l-abilitazzjoni tal-għażla tal-konsumatur billi l-utenti finali jitħallew jaċċessaw prodotti u servizzi diversi u innovattivi li jissodisfaw il-ħtiġijiet tagħhom, filwaqt li jippermettulhom ukoll jaqilbu faċilment bejn prodotti u servizzi alternattivi. Fost id-dispożizzjonijiet tad-DMA li għandhom rwol ewlieni fil-ftuħ tal-ekosistemi mobbli hemm dawk li jindirizzaw il-possibbiltà għall-iżviluppaturi li jiddistribwixxu applikazzjonijiet permezz ta' sorsi alternattivi[38] u dawk li jirrikjedu interoperabbiltà effettiva, bdil faċli ta' settings prestabbiliti, tneħħija tal-installazzjoni, jew il-wiri ta' skrin tal-għażla (b'mod partikolari l-Artikoli 6(3), (4), u (7) tad-DMA).

Settings prestabbiliti, skrins tal-għażla u tneħħija tal-installazzjoni

(33) Waħda mill-prijoritajiet ta' infurzar tal-Kummissjoni kienet li tipprevjeni lill-gwardjani milli jisfruttaw il-preġudizzji tal-imġiba tal-konsumaturi permezz ta' settings prestabbiliti, u li tagħti s-setgħa lill-utenti finali biex jaqilbu faċilment bejn

[38] Bħal app stores ta' partijiet terzi.

diversi soluzzjonijiet diġitali fuq is-sistema operattiva jew il-browser tal-web tal-gwardjani, kif previst fl-Artikolu 6(3) tad-DMA. Il-limitazzjoni tal-kapaċità tal-gwardjani li jidderieġu lin-nies lejn il-prodotti jew is-servizzi tagħhom tagħti lill-utenti kummerċjali, bħal fornituri ta' browsers tal-web u tal-magni tat-tiftix alternattivi, opportunità li jżidu l-viżibbiltà tagħhom u li jtejbu l-prodotti u s-servizzi li joffru. Din il-kontestabbiltà akbar tas-servizzi tal-gwardjani tissarraf f'firxa akbar ta' għażliet għall-utenti finali.

(34) Il-Kummissjoni ħadet azzjoni deċiżiva biex tiżgura li l-gwardjani jagħtu għażla usa' lill-utenti malajr. Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti kontra Apple fil-25 ta' Marzu 2024, bi tweġiba għal evidenza li l-gwardjan ma kienx qed jikkonforma b'mod effettiv mal-obbligi tiegħu biex jippermetti lill-utenti finali biex faċilment jibdlu l-konfigurazzjonijiet prestabbiliti fuq l-iOS (inkluż permezz tal-iskrin tal-għażla tal-browser tal-web) jew ineħħu l-applikazzjonijiet tas-software ta' Apple stess fuq l-iOS. Il-Kummissjoni wettqet ukoll skambji regolatorji intensivi ma' Alphabet u Microsoft li jridu jipprovdu wkoll lill-utenti finali bil-possibbiltà li jaqilbu faċilment is-settings prestabbiliti u jneħħu l-installazzjoni ta' applikazzjonijiet tas-software.

(35) L-isforzi tal-Kummissjoni wasslu għal eżiti ċari u tanġibbli. Apple ħabbret serje ta' bidliet f'Awwissu 2024: hija neħħiet diversi punti ta' frizzjoni fil-vjaġġ tal-utent għall-għażla ta' browser tal-web fuq l-iskrin tal-għażla u żiedet l-għadd ta' applikazzjonijiet tas-software li l-utenti finali jistgħu jaqilbu s-settings prestabbiliti tagħhom jew ineħħu l-installazzjoni tagħhom. Hemm ukoll taqsima ġdida tas-settings prestabbiliti tal-apps, li tagħmilha aktar faċli li jinbidlu s-settings prestabbiliti. Dawn il-bidliet issa ġew implimentati kemm fuq iOS kif ukoll fuq iPadOS. Apple qed tippjana li tintroduċi aktar aġġornamenti fir-rebbiegħa tal-2025. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja mill-qrib il-miżuri implimentati minn Apple u jekk il-gwardjan huwiex effettivament konformi mad-DMA.

(36) Alphabet issa qed turi skrin tal-għażla mtejjeb għall-magni tat-tiftix u l-web browsers fuq Chrome u Pixel, li qed jiġi introdott gradwalment fuq l-apparati kollha tal-Android. L-iskrin imtejjeb jippreżenta lill-utenti lista kompletament aleatorja ta' servizzi alternattivi disponibbli. Il-Kummissjoni qed tkompli twettaq djalogu regolatorju ma' Alphabet dwar l-introduzzjoni tal-iskrins tal-għażla u l-miżuri implimentati fir-rigward tal-bdil faċli tas-settings prestabbiliti u t-tneħħija tal-apps.

(37) Microsoft għamlitha possibbli li l-applikazzjonijiet tagħha tal-browser tal-web u tal-magni tat-tiftix online jitneħħew mill-installazzjoni fuq is-sistema operattiva Windows tagħha. Temmet ukoll ir-rakkomandazzjonijiet f'diversi esperjenzi tal-Windows biex l-Edge jiġi ssettjat bħala l-web browser prestabbilit għall-utenti fiż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE). Il-Kummissjoni qed iżżomm il-pjan ta' konformità tal-Microsoft taħt rieżami, biex tiżgura li dan jikkonforma b'mod effettiv mal-aspetti kollha tal-obbligi tagħha.

(38) Bħala riżultat ġenerali, qed jinħolqu aktar opportunitajiet tas-suq peress li l-utenti finali fiż-ŻEE jistgħu jiskopru u jinstallaw għażliet alternattivi b'mod aktar effettiv u jissettjawhom bħala l-għażla prestabbilita tagħhom jekk jixtiequ. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tkompli tivvaluta jekk huwiex meħtieġ aktar titjib biex tkun tista' ssir għażla ġenwina.

Steering

(39) Fil-25 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni nediet żewġ investigazzjonijiet dwar Apple u Alphabet, li jipprovdu l-kanali ta' distribuzzjoni ewlenin għall-applikazzjonijiet tas-software (apps) fuq apparati mobbli fiż-ŻEE. L-investigazzjonijiet tnedew biex jiġi eżaminat jekk iż-żewġ gwardjani kinux jikkonformaw mal-obbligu, skont l-Artikolu

5(4) tad-DMA, li jobbligahom jippermettu lill-iżviluppaturi tal-apps – li ħafna minnhom huma intrapriżi żgħar u ta' daqs medju u negozji ġodda Ewropej – biex "jidderieġu" lill-konsumaturi mingħajr ħlas għal offerti barra mill-ħwienet tal-applikazzjonijiet (app stores) tal-gwardjani.

(40) Fl-24 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni infurmat lil Apple dwar il-fehma preliminari tagħha li l-politiki tagħha dwar l-App Store kisru d-DMA minħabba restrizzjonijiet fuq l-iżviluppaturi tal-apps milli jippromwovu offerti u kontenut esterni lill-konsumaturi, u b'hekk ċaħħdu lill-utenti finali minn possibbiltajiet ta' xiri alternattivi u possibbilment orħos.

Interoperabbiltà

(41) Swieq ġusti u kontestabbli jiddependu wkoll fuq l-interoperabbiltà biex jirnexxu, sabiex il-gwardjani ma jkunux jistgħu jisfruttaw ir-rwoli doppji tagħhom[39], xprunati mill-integrazzjoni tal-prodotti, biex joħonqu l-kompetizzjoni. Billi tiffaċilita l-aċċess għall-funzjonalitajiet kritiċi tal-gwardjani għal fornituri alternattivi, il-Kummissjoni tfittex li tissalvagwardja l-kapaċità ta' dawk il-fornituri alternattivi li jikkompetu billi jkomplu jinnovaw.

(42) Fid-19 ta' Settembru 2024, il-Kummissjoni bdiet żewġ proċedimenti ta' speċifikazzjoni biex tassisti lil Apple tikkonforma mal-obbligi tagħha ta' interoperabbiltà skont id-DMA skont l-Artikolu 6(7) tad-DMA. L-ewwel proċediment jiffoka fuq diversi karatteristiċi u funzjonalitajiet tal-konnettività tal-iOS, użati b'mod predominanti għal u minn apparati konnessi (eż. smartwatches jew headphones). It-tieni proċediment jiffoka fuq il-proċess li waqqfet Apple biex tipproċessa talbiet għall-interoperabbiltà sottomessi mill-iżviluppaturi u partijiet terzi għal iOS u iPadOS. Fid-19 ta' Diċembru 2024, il-Kummissjoni bagħtet sejbiet preliminari lil Apple b'rabta maż-żewġ proċedimenti ta' speċifikazzjoni, u b'mod parallel nediet żewġ konsultazzjonijiet pubbliċi korrispondenti.

(43) Nuqqas ta' interoperabbiltà jippermetti wkoll lill-gwardjani li jipprovdu servizzi ta' messaġġi jibbenefikaw minn effetti qawwija tan-network, li jaġixxu bħala ostaklu għall-qlib u jillimitaw l-għażla u l-kontestabbiltà tal-konsumatur. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni qed timmonitorja l-progress ta' Meta biex tagħmel lil WhatsApp u Messenger interoperabbli skont l-obbligu tagħha skont id-DMA. Wara feedback mill-Kummissjoni u minn partijiet terzi, Meta għamlet xi bidliet fis-soluzzjoni tagħha. Il-Kummissjoni qed timmonitorja dawn l-iżviluppi biex tiżgura li l-partijiet terzi interessati jkunu jistgħu jinteroperaw b'mod effettiv ma' WhatsApp u Messenger.

Kanali ta' distribuzzjoni alternattivi

(44) L-iżgurar tal-kontestabbiltà fir-rigward tad-distribuzzjoni tal-apps u tal-app stores jagħti lill-utenti kummerċjali l-libertà li jiddeċiedu liema mezzi jixtiequ jużaw biex jiddistribwixxu l-apps tagħhom, u jagħti lill-utenti finali l-libertà li jaċċessaw dawn l-apps jew l-app stores barra mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma ta' gwardjan. Biex tiġi żgurata l-kontestabbiltà, li tipprovdi kemm lin-negozji kif ukoll lill-utenti finali b'aktar għażla u tħeġġeġ l-innovazzjoni, il-gwardjani jeħtiġilhom ma jitħallewx jimponu restrizzjonijiet fuq l-utenti finali dwar liema apps jew app stores jistgħu jaċċessaw.

(45) Fil-prattika, dan ifisser li Apple trid tippermetti lill-utenti finali tal-apparati tal-iPhone jinstallaw apps għajr permezz tal-App Store ta' Apple stess, pereżempju billi tippermetti l-installazzjoni u l-użu ta' app stores ta' partijiet terzi u t-tniżżil dirett ta'

[39] Il-gwardjani jista' jkollhom żewġ rwoli konnessi, bħal li jkunu kemm fornitur ta' servizz kritiku kif ukoll kompetitur fl-istess suq. Fi "rwol doppju", il-gwardjan jista' juża l-kontroll tiegħu fuq funzjonalitajiet essenzjali biex jiffavorixxi l-prodotti jew is-servizzi tiegħu stess, u joħnoq il-kompetizzjoni minn fornituri alternattivi.

apps mill-web. L-obbligi tad-DMA, applikabbli għal Apple minn Marzu 2024, wasslu għat-tnedija ta' għadd ta' app stores ta' partijiet terzi fl-Unjoni Ewropea, bħal AltStore, Aptoide, u Epic.

(46) Filwaqt li dawn huma żviluppi pożittivi, fit-tfittxija tagħha ta' kontestabbiltà effettiva, fl-24 ta' Ġunju 2024 il-Kummissjoni fetħet investigazzjoni fir-rigward tal-konformità ta' Apple mad-DMA rigward it-termini kuntrattwali li Apple imponiet fuq l-iżviluppaturi li jixtiequ jipprovdu app stores ta' partijiet terzi jew joffru l-apps tagħhom permezz ta' tali app stores. B'mod partikolari, l-investigazzjoni qed teżamina: it-Tariffa Teknoloġika Ewlenija proposta minn Apple, li taħtha l-iżviluppaturi ta' app stores ta' partijiet terzi u apps ta' partijiet terzi jridu jħallsu tariffa ta' EUR 0,50 għal kull app installata; il-vjaġġ tal-utenti f'diversi stadji impost minn Apple għat-tniżżil u l-installazzjoni ta' app stores jew apps alternattivi fuq l-iOS; u r-rekwiżiti ta' eliġibbiltà għall-iżviluppaturi biex ikunu jistgħu joffru app stores alternattivi jew jiddistribwixxu direttament apps mill-web fuq l-iOS.

(47) Bħal Apple, Alphabet trid tiżgura li sorsi alternattivi ta' distribuzzjoni tal-apps ikunu attivati b'mod effettiv fuq is-sistema operattiva tagħha tal-Android. Il-Kummissjoni qed tkompli taħdem ma' Alphabet u ma' partijiet terzi interessati biex tindirizza t-tħassib potenzjali dwar il-konformità effettiva tat-termini ta' Android ta' Alphabet mad-DMA.

c) **Tiftix online ġust**

(48) L-iżgurar tat-trattament ugwali u s-salvagwardja kontra prattiki diskriminatorji huma fost il-prerekwiżiti għal tiftix ġust u swieq ta' tiftix online kontestabbli. F'dan l-isfond, id-DMA għandu l-għan li jipproteġi lill-utenti kummerċjali minn kompetizzjoni inġusta mis-servizzi tal-gwardjani, u li joffri lil fornituri oħra tal-magni tat-tiftix online aktar opportunitajiet biex jiżviluppaw alternattivi ġodda ta' tiftix.

(49) Il-projbizzjoni fuq l-awtopreferenzjar mill-gwardjani, stabbilita fl-Artikolu 6(5) tad-DMA, hija wiesgħa u tindirizza l-forom kollha ta' awtopreferenzjar. Fir-rigward ta' Alphabet, hija tkopri s-servizzi ta' tiftix vertikali tagħha stess ikklassifikati jew inkorporati fir-riżultati ta' Google Search. Dan ikopri wkoll każijiet fejn Alphabet tittratta s-servizzi tal-kontenut tagħha stess b'mod aktar favorevoli minn fornituri oħra tal-kontenut ikklassifikati wkoll fuq Google Search. Il-Kummissjoni fetħet proċedimenti kontra Alphabet fil-25 ta' Marzu 2024 minħabba tħassib li l-gwardjan qed jippreferi s-servizzi ta' tiftix jew kontenut vertikali tiegħu stess fuq rivali simili attivi f'oqsma bħall-ospitalità, l-ivvjaġġar, il-kummerċ elettroniku, jew il-ħolqien tal-kontenut, bi ksur tal-Artikolu 6(5) tad-DMA.

(50) Barra minn hekk, l-Artikolu 6(11) tad-DMA jagħti mandat għall-kondiviżjoni tad-data dwar il-klikks u t-tiftix minn magni tat-tiftix dežinjati ma' fornituri alternattivi ta' magni tat-tiftix. Dan l-obbligu huwa maħsub biex irawwem il-kontestabbiltà minn magni tat-tiftix ta' partijiet terzi.

(51) F'Marzu 2024, Alphabet ipproponiet soluzzjoni ta' liċenzjar tad-data biex tikkonforma mal-obbligu tad-DMA li taqsam id-data dwar il-klassifikazzjoni, il-mistoqsijiet, il-klikks u l-viżwalizzazzjoni. Il-Kummissjoni tinsab fil-proċess li tivvaluta l-konformità ta' din is-soluzzjoni ta' liċenzjar mal-Artikolu 6(11) tad-DMA. Il-Kummissjoni kienet f'kuntatt ma' Alphabet u benefiċjarji potenzjali dwar il-kwistjoni. Hija qiegħda tiddiskuti wkoll il-kundizzjonijiet għall-kondiviżjoni effettiva tad-data skont l-Artikolu 6(11) tad-DMA mal-awtoritajiet tal-protezzjoni tad-data, b'mod partikolari fil-kuntest tal-HLG.

d) **Swieq online**

(52) L-objettiv ta' ambjent tan-negozju ġust u kontestabbli għas-swieq online u l-intermedjazzjoni online huwa segwit minn għadd ta' dispożizzjonijiet tad-DMA, bħal dawk li jipprojbixxu l-klawżoli ta' parità, jipprojbixxu l-awtopreferenzjar fil-klassifikazzjoni, itaffu l-vantaġġi inġusti tad-data, u jrawmu l-aċċess għad-data u l-portabbiltà għall-utenti.

(53) Id-DMA tipprojbixxi kwalunkwe forma ta' parità (ristretta jew wiesgħa), li tkopri prattiki kummerċjali lil hinn mill-prezz u tinkludi kwalunkwe miżura li twassal għall-istess effett bħal klawżola ta' parità. B'hekk tistabbilixxi l-possibbiltà għall-utenti kummerċjali li jiddifferenzjaw it-termini kummerċjali bejn diversi kanali ta' distribuzzjoni. B'riżultat ta' dan, id-DMA għandha l-għan li tneħħi l-ostakli ta' parità li jikkonċernaw l-għażliet tal-utenti kummerċjali li joffru prodotti jew servizzi permezz ta' pjattaformi alternattivi u kanali ta' bejgħ dirett. Tali restrizzjoni tapplika għal kwalunkwe miżura b'effett ekwivalenti għal klawżoli ta' parità, bħal rati ta' kummissjoni miżjuda jew it-tneħħija tal-offerti tal-utenti kummerċjali mil-lista.

(54) F'dan ir-rigward, Booking indikat[40] li, sabiex tikkonforma ruħha mad-DMA, hija kienet, minn naħa, neħħiet iż-ŻEE mil-lista ta' territorji suġġetti għal rekwiżiti ta' parità fil-kundizzjonijiet ġenerali tagħha u, min-naħa l-oħra, introdućiet verżjoni aġġornata ta' dawn it-termini li ma għadhiex tirreferi għall-parità[41]. Booking indikat ukoll li kienet waqfet tuża l-prezzijiet esterni bħala input għall-Programmi Premium tagħha.

(55) Amazon irrapportat li, skont l-awtovalutazzjoni tagħha stess, hija ma kenitx tuża klawżoli ta' parità li jkunu inkompatibbli mad-DMA. Gwardjani oħra rrapportaw mekkaniżmi ta' konformità li jħarsu 'l quddiem li għandhom jipprevjenu l-introduzzjoni ta' obbligi ta' parità għall-utenti kummerċjali fil-futur[42]. Il-Kummissjoni se tkompli timmonitorja u tivvaluta jekk l-obbligi rilevanti tad-DMA humiex qed jiġu ssodisfati b'mod effettiv, jekk hemmx xi riskju ta' ċirkomvenzjoni, u jekk il-gwardjani jistgħux ikunu qed jużaw miżuri alternattivi b'effett simili.

(56) B'mod simili għall-projbizzjoni applikabbli għat-tiftix online, is-servizzi tal-intermedjazzjoni online huma soġġetti wkoll għall-projbizzjoni tad-DMA fuq l-awtopreferenzjar. Dan biex jiġu żgurati swieq online ġusti u kontestabbli għall-eluf ta' utenti kummerċjali li jikkompetu direttament mal-prodotti u s-servizzi tal-gwardjani fuq il-pjattaformi proprji ta' dawn il-gwardjani. Min-naħa tiegħu, dan huwa ta' benefiċċju wkoll għall-utenti finali li għalhekk jistgħu jsibu għażla usa' ta' prodotti u servizzi fuq il-pjattaformi tal-gwardjani. Kif imħabbar fil-25 ta' Marzu 2024, il-Kummissjoni kienet qed twettaq passi investigattivi preliminari biex tivvaluta l-konformità ta' Amazon mad-DMA fir-rigward ta' prattiki potenzjali ta' awtopreferenzjar.

3. Informazzjoni dwar il-konċentrazzjonijiet

(57) Skont l-Artikolu 14 tad-DMA, il-gwardjani huma meħtieġa jinfurmaw lill-Kummissjoni dwar kwalunkwe konċentrazzjoni li beħsiebhom iwettqu meta l-entitajiet li jkunu qed jingħaqdu jew il-mira tal-konċentrazzjoni jipprovdu servizzi ewlenin ta' pjattaformi jew servizzi oħra fis-settur diġitali jew jippermettu l-ġbir tad-data.

[40] bookingholdings.com/wp-content/uploads/2024/11/DMA-Compliance-Report.pdf

[41] Din il-verżjoni ġiet ikkomunikata lill-utenti kummerċjali u tħabbret matul is-sessjoni ta' ħidma dwar il-konformità f'Novembru 2024.

[42] B'rabta wkoll mal-konformità mal-Artikolu 5(3) tad-DMA, Alphabet identifikat kuntratti rilevanti fir-rigward ta' Play Store u Maps li seta' kien fihom klawżoli ta' parità. Għal kuntratti bħal dawn, hija bagħtet eżenzjonijiet fil-bidu tal-2024. Apple qieset li kienet diġà konformi mal-Artikolu 5(3) fir-rigward tal-App Store tagħha qabel is-7 ta' Marzu 2024.

(58) Fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet 15-il sottomissjoni ta' konċentrazzjonijiet maħsuba mill-gwardjani. Sommarji mhux kunfidenzjali tal-informazzjoni sottomessa mill-gwardjani f'konformità mal-Artikolu 14 tad-DMA ġew ippubblikati fuq is-sit web tal-Kummissjoni għal disgħa minn dawk is-sottomissjonijiet[43], flimkien mad-data tan-notifika u l-identità tal-impriżi.

(59) B'mod partikolari, diversi sottomissjonijiet, riċevuti f'konformità mal-Artikolu 14 tad-DMA, kienu jikkonċernaw ftehimiet relatati mal-akkwist ta' talent, prattika li hija magħrufa wkoll bħala "acqui-hiring"[44]. Tranżazzjonijiet bħal dawn jistgħu jieħdu forom differenti. Tipikament jinvolvu ftehimiet ta' reklutaġġ għal persunal ewlieni fil-kumpanija fil-mira iżda mhux dejjem jinvolvu l-akkwist ta' ishma jew assi tal-kumpanija fil-mira. Jekk tranżazzjoni ta' "acqui-hiring" tikkostitwixxix konċentrazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004 mhuwiex dejjem ċar u jista' jeħtieġ analiżi bir-reqqa każ b'każ[45].

(60) L-Artikolu 14 tad-DMA jsaħħaħ it-trasparenza dwar l-akkwiżizzjonijiet mill-gwardjani u jippermetti lill-Kummissjoni tidentifika xejriet usa' tal-akkwiżizzjoni fis-settur diġitali. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tikkondividi informazzjoni dwar l-akkwiżizzjonijiet mal-Istati Membri. Dawn, min-naħa tagħhom, jistgħu jużaw din l-informazzjoni għal skopijiet nazzjonali ta' kontroll tal-amalgamazzjonijiet. Meta l-Istati Membri jkollhom ġuriżdizzjoni nazzjonali, jibqa' possibbli għall-awtoritajiet nazzjonali kompetenti ("NCAs") li jirreferu l-konċentrazzjonijiet lill-Kummissjoni.

IV. VALUTAZZJONI TAD-DESKRIZZJONI AWDITJATA TAT-TEKNIKI TAT-TFASSIL TAL-PROFILI TAL-KONSUMATUR

(61) Skont l-Artikolu 15 tad-DMA, il-gwardjani huma meħtieġa jippreżentaw lill-Kummissjoni deskrizzjoni awditjata b'mod indipendenti ta' kwalunkwe teknika tat-tfassil tal-profili tal-konsumaturi li japplikaw għal kwalunkwe wieħed mis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma elenkati fid-deċiżjonijiet tad-dežinjazzjoni tagħhom f'konformità mal-Artikolu 3(9) tad-DMA jew bejniethom. Jenħtieġ li jippubblikaw ukoll ħarsa ġenerali lejn id-deskrizzjoni. L-iskadenza għas-sottomissjoni tad-deskrizzjonijiet awditjati u l-pubblikazzjoni tal-ħarsa ġenerali hija sitt xhur wara d-deċiżjoni tad-dežinjazzjoni. Il-gwardjani huma meħtieġa wkoll jaġġornaw dawn id-dokumenti fuq bażi annwali fil-futur.

(62) Il-Kummissjoni kienet lesta li toffri gwida u pprovdiet pariri lill-gwardjani bi tħejjija għall-obbligi ta' rapportar tagħhom, bħala parti mid-diskussjonijiet ta' qabel il-konformità.

(63) Is-sitt gwardjani ddežinjati fil-5 ta' Settembru 2023 kienu meħtieġa jissottomettu d-deskrizzjoni awditjata tar-rapporti tagħhom lill-Kummissjoni u jippubblikaw il-ħarsa ġenerali pubblika korrispondenti sas-7 ta' Marzu 2024. Sa dik id-data, il-Kummissjoni kienet irċeviet deskrizzjonijiet awditjati ta' tali rapporti mingħand Alphabet, Amazon, Apple, Meta, u Microsoft. Id-deskrizzjoni awditjata ta' ByteDance segwiet b'xi dewmien, li l-Kummissjoni ġiet infurmata dwaru minn qabel, fid-9 ta' April 2024. Booking Holdings, magħżula fit-13 ta' Mejju 2024, issottomettiet id-deskrizzjoni awditjata tagħha u ppubblikat il-ħarsa ġenerali pubblika korrispondenti fit-13 ta'

[43] Is-sottomissjonijiet tal-2024 li jifdal se jiġu ppubblikati fl-2025 fuq bażi kontinwa u mhux aktar kmieni minn erba' xhur wara li tasal l-informazzjoni.

[44] Ara, pereżempju, Microsoft/Inflection AI, Inc., irrapportata skont l-Artikolu 14 tad-DMA fis-17 ta' Ottubru 2024.

[45] Pereżempju, f'Microsoft/Inflection, il-Kummissjoni qieset li t-tranżazzjoni kienet tinvolvi l-assi kollha meħtieġa biex tittrasferixxi l-pożizzjoni tas-suq ta' Inflection lil Microsoft u kkonkludiet li t-tranżazzjoni tammonta għal konċentrazzjoni skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Ara: https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/ip_24_4727.

Novembru 2024. Kif meħtieġ mill-Artikolu 15(1) tad-DMA, il-Kummissjoni bagħtet kif xieraq id-deskrizzjonijiet awditjati kollha lill-Bord Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ("EDPB").

(64) Il-Kummissjoni pprovdiet feedback lill-gwardjani dwar ir-rapporti awditjati tagħhom u se tkompli tanalizza l-materjal kollu ppreżentat mill-gwardjani lill-Kummissjoni f'konformità mal-Artikolu 15 tad-DMA. Il-Kummissjoni se tikkunsidra miżuri ta' segwitu fejn xieraq, bħall-aġġornament tal-mudell[46]. Se tkompli wkoll taħdem mal-EDPB u mal-HLG rigward l-Artikolu 15 tad-DMA bħala qasam potenzjali ta' interess għal, fost l-oħrajn, l-awtoritajiet Ewropej u nazzjonali tal-protezzjoni tad-data u tal-infurzar tal-konsumatur.

V. KOOPERAZZJONI BEJN IL-KUMMISSJONI U L-AWTORITAJIET NAZZJONALI

(65) Id-DMA jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali li jirregolaw l-interazzjoni tiegħu ma' strumenti legali rilevanti oħra tal-Unjoni, bħall-kompetizzjoni, il-protezzjoni tad-data, u l-liġi dwar il-protezzjoni tal-konsumatur. Dawn il-prinċipji huma deskritti fl-Artikoli 1(5) u 1(6) tad-DMA. Barra minn hekk, l-Artikolu 37 tad-DMA jipprevedi li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu f'kooperazzjoni mill-qrib u jikkoordinaw l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom biex jiżguraw infurzar koerenti, effettiv u komplementari. L-Artikolu 38 tad-DMA jirrikjedi li l-Kummissjoni u l-NCAs li jinfurzaw ir-regoli tal-kompetizzjoni jikkooperaw ma' xulxin permezz tan-Network Ewropew għall-Kompetizzjoni ("NEK").

(66) F'konformità mal-Artikolu 38 tad-DMA, il-Kummissjoni kkooperat u kkoordinat mill-qrib mal-NCAs permezz tan-NEK, u kompliet storja twila ta' kooperazzjoni mill-qrib permezz ta' dan il-qafas li tmur lura għal aktar minn 20 sena. B'mod partikolari, il-Kummissjoni u l-NCAs żammew lil xulxin sistematikament infurmati dwar l-azzjonijiet ta' infurzar rispettivi tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 38(1) tad-DMA. Bis-saħħa ta' dan l-iskambju ta' informazzjoni u l-ħidma tan-NEK, il-Kummissjoni u l-NCAs ikkooperaw u kkoordinaw tajjeb u b'mod effettiv fl-2024.

(67) Fl-2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika waħda mingħand l-NCAs, skont l-Artikolu 38(2) tad-DMA, dwar intenzjoni li titnieda investigazzjoni dwar gwardjan abbażi tal-liġijiet nazzjonali msemmija fl-Artikolu 1(6) tad-DMA, u żewġ notifiki, skont l-Artikolu 38(3) tad-DMA, dwar intenzjoni li jiġu imposti obbligi fuq il-gwardjani abbażi tal-istess liġijiet. Dawn in-notifiki ġew sottomessi flimkien man-notifiki mill-NCAs skont ir-Regolament 1/2003.

VI. IL-GRUPP TA' LIVELL GĦOLI GĦALL-ATT DWAR IS-SWIEQ DIĠITALI[47]

(68) Il-Grupp ta' Livell Għoli għall-Att dwar is-Swieq Diġitali ("HLG") ġie stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Marzu 2023 abbażi tal-Artikolu 40 tad-DMA[48]. L-HLG huwa magħmul mill-korpi u n-networks Ewropej identifikati fid-DMA u twaqqaf bħala grupp ta' esperti, f'konformità mad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-operat ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni[49]. L-HLG huwa ppresedut mill-Kummissjoni, li toffri wkoll appoġġ ta' segretarjat. L-HLG għandu l-għan li jappoġġa l-implimentazzjoni koerenti u effettiva

[46] https://digital-markets-act.ec.europa.eu/system/files/2023-12/Article%2015%20DMA%20Template%20%28consumer%20profiling%20report%29.pdf

[47] Fil-kuntest tad-DMA, il-Grupp ta' Livell Għoli għad-DMA huwa sinonimu mal-Grupp ta' Livell Għoli tar-Regolaturi Diġitali.

[48] https://competition-policy.ec.europa.eu/system/files/2023-03/High_Level_Group_on_the_DMA_0.pdf

[49] Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2016) 3301 final li tistabbilixxi regoli orizzontali dwar il-ħolqien u l-funzjonament tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni.

tad-DMA u regolamenti oħra speċifiċi għas-settur applikabbli għall-gwardjani.

(69) L-HLG għandu wkoll rwol rilevanti fl-identifikazzjoni u l-evalwazzjoni tal-interazzjonijiet bejn id-DMA u r-regoli speċifiċi għas-settur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tista' tuża l-għarfien espert ta' korpi u networks settorjali rilevanti matul investigazzjonijiet potenzjali tas-suq dwar servizzi u prattiki ġodda[50].

(70) Fl-2024, ġew stabbiliti tliet sottogruppi tematiċi ffukati fuq obbligi relatati mad-data, l-Artikolu 7 tad-DMA (interoperabbiltà), u l-intelliġenza artifiċjali ("IA")[51]. B'kollox, it-tliet sottogruppi organizzaw seba' laqgħat, minbarra s-sessjoni plenarja li saret f'Marzu[52].

(71) Fir-rigward tal-ħidma tal-plenarja, il-membri tal-HLG approvaw l-ewwel dikjarazzjoni konġunta tagħhom, li tenfasizza l-pożizzjoni tal-HLG dwar l-IA. Id-dikjarazzjoni tiċċara li, sa fejn is-sistemi tal-IA jiġu integrati fis-servizzi ewlenin tal-pjattaforma dežinjati, l-obbligi tad-DMA se japplikaw għalihom[53].

(72) Żviluppi kbar fil-qasam tal-IA wasslu għat-twaqqif tas-sottogrupp relatat mal-IA, li kellu l-ewwel laqgħa tiegħu f'Ottubru 2024. Dan ipprovda opportunità biex il-gwardjani jiġu mistiedna juru l-inizjattivi tal-IA tagħhom u jwieġbu għall-mistoqsijiet mill-membri tal-HLG[54]. Din kienet ukoll opportunità għall-Uffiċċju tal-Unjoni għall-IA biex jippreżenta l-Att dwar l-IA u l-Bord tal-IA, filwaqt li l-membri tal-HLG iddiskutew il-ħidma li għaddejja dwar l-IA li qed issir fin-networks jew fil-korpi tagħhom.

(73) Is-sottogrupp tal-obbligi relatati mad-data kellu erba' laqgħat fl-2024[55]. L-oqsma ewlenin ta' enfasi kienu jinkludu l-obbligu li jinkiseb kunsens għall-kombinazzjoni ta' data bejn servizzi dežinjati u servizzi distinti kif previst fl-Artikolu 5(2) tad-DMA, inkluża l-implimentazzjoni ta' Meta u l-interazzjoni ta' din id-dispożizzjoni mal-GDPR[56]. Wara estensjoni tal-mandat mill-membri tal-HLG, dan is-sottogrupp partikolari wessa' l-mandat tiegħu mit-tieni laqgħa tiegħu[57]. Il-mandat issa jkopri wkoll il-ħidma tal-Kummissjoni rigward l-aċċess għad-data u l-portabbiltà tad-data, kif ukoll il-kondiviżjoni tad-data dwar il-klassifikazzjoni, il-mistoqsijiet, il-klikks u l-viżwalizzazzjoni minn magni tat-tiftix online. Id-diskussjonijiet semmew aktar ir-rapporti tat-tfassil ta' profili tal-konsumatur ippreżentati mill-gwardjani skont id-DMA u l-Gwida Konġunta tal-EDPB u l-Kummissjoni dwar l-interazzjoni bejn il-GDPR u d-DMA, b'din tal-aħħar tiġi ppreżentata wkoll fis-sottogrupp tal-Artikolu 7.

(74) Barra minn hekk, is-sottogrupp tal-Artikolu 7 iltaqa' f'April u Settembru 2024, fejn id-diskussjonijiet iffukaw fuq l-aħħar żviluppi rigward il-konformità minn servizzi ta' komunikazzjoni interpersonali ddežinjati indipendenti min-numri[58], inklużi l-offerta ta' referenza u l-mekkaniżmi effettivi ta' skoperta tal-utent.

(75) Konklużjoni ewlenija enfasizzata kemm fil-livell tal-plenarja kif ukoll f'dak tas-

[50] Ibid. Artikolu 40(7).
[51] Il-ħidma tas-sottogruppi hija ggwidata minn termini ta' referenza individwali.
[52] Għal aktar dettalji ta' kull laqgħa plenarja jew tas-sottogrupp tal-HLG, inklużi l-aġendi u l-minuti tal-laqgħat, ara: https://ec.europa.eu/transparency/expert-groups-register/screen/expert-groups/consult?lang=en&groupId=3904&fromMembers=true&memberType=5&memberId=111640.
[53] Barra minn hekk, id-dokument jidentifika direzzjonijiet għall-kooperazzjoni kif ukoll oqsma ewlenin rilevanti għall-IA li jeħtieġu monitoraġġ komplementari u infurzar ikkoordinat.
[54] Apple, Microsoft, u Meta attendew personalment, filwaqt li Alphabet baghtet nota ta' informazzjoni kondiviża mal-membri tal-HLG.
[55] Fi Frar, April, Settembru, u Ottubru 2024.
[56] F'dan ir-rigward, l-EDPB ippreżenta l-Opinjoni 08/2024 dwar Kunsens Validu fil-Kuntest ta' Mudelli ta' Ħallas jew Ikkonsenti Implimentati minn Pjattaformi Online Kbar, adottata fis-17 ta' April 2024.
[57] Inklużi l-Artikoli 6(9), 6(10), u 6(11), flimkien mal-Artikolu 5(2).
[58] "Servizzi ta' messaġġi over-the-top (OTT)" jew sempliċiment "apps tal-messaġġi".

sottogrupp hija l-ħtieġa li tiġi żgurata kooperazzjoni bla xkiel fl-istrumenti ta' politika differenti u li l-gwardjani ma jitħallewx jisfruttaw politika waħda biex jevadu oħra. B'ħarsa 'l quddiem, il-formati tal-HLG se jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni meħtieġa biex jiġi żgurat li l-infurzar tad-DMA jibqa' robust u prevedibbli.